# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU 1324

Kaz Nru 1606

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Joseph Magro

u

Zarb Garage Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Awwissu 2002

**Chairman: is-Sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fl-10 ta' Jannar 2002 b'riferenza MSP/TI/5/2002 wara li s-sur Joseph Magro kien kiteb lil-Onorevoli Ministru li huwa kien gie licenzjat illegalment mill-Kumpanijja Zarb Garage Ltd wara li kien involut f'accident waqt li kien qed isuq *coach* propjeta` tal-Kumpanijja Appellata. Il-Kumpanijja Appellata li kienet assistita mill-Avukat Massimo Vella innegat dan u sostniet li l-Appellant gie licenzjat ghal raguni valida. L-Appellant kien assistit mill-Avukatessa Ilona Blackman. Inzammu sitt seduti

## 2. Fatti tal-Kaz

Il-fatti li ma kien hemm dubju fuqhom juru illi nhar il-Hadd 9 ta' Dicembru 2001 waqt li l-Appellant kien qed isuq *coach* appartenenti lill-Kumpanijja Appellata fin-nizla ta' Bahar ic-Chaghak huwa kien involut f'accident li rrizulta filli l-imsemmija *coach* tinqaleb go ghalqa li tmiss mat-triq pubblika. Fortunatament l-Appellant ma kellux griehi gravi u l-vettura kienet vojta ghajr is-sewwieq. Il-*coach* garrbet hsarat kbar li jammontaw ghal eluf ta' liri.

L-Appellant jghid li huwa kien isuq b'mod normali izda meta wasal fil-post tal-accident l-art kienet imxarrba, aktarx bi *spray* tal-bahar li kien maltemp u minhabba hekk il-vettura skiddjat u tilef il-kontroll taghha. Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li l-Appellant kien qed isuq b'mod negligenti u b'velocita` qawwija hafna u dan irrendih soggett ghall-incident li gara.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal irid jaghmilha car illi huwa mhux xi organu li ghandu f'idu xi inkjesta kriminali u lanqas huwa xi qorti biex jistabbilixxi d-danni u min responsabbli ghalihom. It-Tribunal Industrijali semplicement ghandu l-obbligu li jezamina l-kaz u jiddecidi jekk l-Appellant giex licenzjat ghal raguni valida u sufficjenti jew le. Dana qed jinghad minhabba xi provi li ngiebu ma' tul is-smiegh tal-kaz u xi kummenti li saru.

Ma hemmx dubju li l-accident gara, li l-Appellant kien is-sewwieq u li saret hsara konsiderevoli lill-*coach*. Ghat-Tribunal iridu jigu mwegbin is-segwenti mistoqsijiet: X'responsabbilita` kellu l-Appellant fl-accident? Jekk jirrizulta li l-Appellant kien responsabbli l-kaz hu serju bizzejjed biex jinghata s-sanzjoni estrema ta' tkeccija ?

L-Appellant jirritjeni li huwa kien miexi b'velocita` normali, li kellu esperjenza twila ta' sewqan u li elementi estranei kienu ikkawzaw l-accident. Jghid li it-triq kienet imxarrba sewwa minhabba maltemp tal-bahar li kien hemm u li fil-fatt mhux boghod mit-triq. Jghid ukoll illi l-*coach* ma kienitx mghammra b'*exhaust brakes*. Huwa ma tax spjegazzjoni ghall-*brake marks* ta' 22 metru li jindikaw li l-*coach* kienet miexja b'velocita` kosiderevoli. Hemm xi dubju kemm kien hemm ilma fit-triq u kemm in-nuqqas tal-*exhaust brakes* fixkel fil-fren tal-vettura. Fil-fehma tat-Tribunal kemm it-tixrib tat-triq kif ukoll in-nuqqas ta' dawn il-*brakes* addizzjonali jdghajfu konsiderevolment l-argumenti tal-Appellant. Dana ghaliex jekk veru kien miexi b'velocita` normali l-ilma fit-triq ma kienx ikun ta' theddida kbira. In-nuqqas tal-imsemmijin brejkijiet kien jiddetta iktar prudenza da parti tas-sewwieq. Sewwieq bl-esperjenza li jghid li ghandu l-Appellant kien mistenni li jsuq bi prudenza kbira tant li art imxarrba ma kellhix tkun kawza li jiskiddja.

Fl-opinjoni tat-Tribunal l-Appellant ikkontribwixxa decizament ghall-accident li gara. Dana ma kienx kaz ta' kollizjoni fejn it-tort jista forsi jinqasam. F'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-velocita` li biha kien qed isuq l-Appellant kienet il-kawza principali tal-accident.

Id-domanda l-ohra li rridu nirrispondu huwa fuq il-gravita` tal-kaz , cioe` kien serju bizzejjed biex jirrizulta fil-licenzjament tieghu ? Ghal dak li huwa ammont ta' danni jirrizulta li l-*coach* garrbet hsarat li jilhqu l-eluf tal-liri barra mit-telf ta' xoghol li jirrizulta minn nuqqas taghha fuq ix-xoghol waqt li jsiru t-tiswijiet. L-Appellant kellu fil-kustodja tieghu vettura li tiswa hafna flus. Huwa bhala s-sewwieq taghha kellu l-obbligu li jsuqha bi prudenza u jibza'

sewwa ghaliha. Jekk jonqos li jaghmel dan barra milli jipperikola l-istess hajjtu ikun qed jippregudika ukoll l-integrita` tal-istess vettura. Ghaldaqstant ir-responsabbilta` kbira li tinkombi fuqu kienet ta' natura tali li jekk huwa jonqos mid-doveri tieghu u ma jiehux hsieb bizzejjed il-vettura tant li ggarrab hsarat kbar irid jerfa l-piz ta' dak li gara.

Gie sollevat l-argument li l-Appellant ma kienx inghata tliet twissijiet kif huwa ritenut li jsir qabel ma jinghata s-sanzjoni ta' licenzjament. Din tat-tliet twissijiet hija n–norma u t-Tribunal, diversament presjedut, kemm il-darba afferma dan. Izda hemm kazi li min-natura taghhom huwa ovvju li din in-norma ma tapplikax. F'dan il-kaz per ezempju t-tkissir, kwazi distruzzjoni, tal-vettura li hija l-mezz li biha kien qed jahdem l-Appellant, grat kawza tal-accident risponsabbli ghalih hu. F'kazi gravi simili hija haga naturali li m'hemmx lok ghal twissijiet.

Tqajjem ukoll il-punt li l-Appellant gie licenzjat ma' tul perijodu li kien bis-*sick leave* kawza tal-accident. Jista jkun li l-Appellant ghandu ragun izda t-Tribunal mhux is-sede fejn jista jitlob rimedju ghal dan.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellant Joseph Magro gie licenzjat mill-Kumpanijja Appellata Zarb Garage Ltd ghal raguni valida u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

5. **Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja